V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9876 – TA Associates/Francisco Partners/Edifecs)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 278/04)

1. Fit-13 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— fondi ġestiti minn TA Associates Management L.P. ("TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— fondi ġestiti minn Francisco Partners Management LP ("Francisco Partners", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Edifecs, Inc. ("Edifecs", l-Istati Uniti tal-Amerka).

TA Associates u Francisco Partners jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Edifecs.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— TA Associates: ditta ta' ekwità privata, attiva f'investiment f'ħames setturi ewlenin, jiġifieri t-teknoloġija, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, il-konsumaturi u l-industriji tas-servizzi tan-negozju fl-Ewropa, fl-Amerka ta' Fuq u fl-Asja.

— Francisco Partners: ditta ta' ekwità privata ffokata esklużivament fuq investiment f'negozji teknoloġiċi u negozji ffaċilitati mit-teknoloġija.

— Edifecs: kumpanija tat-teknoloġija tal-kura tas-saħħa attiva fil-forniment ta' soluzzjonijiet infrastrutturali li għandhom l-għan li jtejbu l-prestazzjoni operattiva billi jissimplifikaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn sptarijiet u organizzazzjonijiet oħra tal-kura tas-saħħa, filwaqt li jippermettu l-konformità mar-regolamenti tal-industrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9876 — TA Associates/Francisco Partners/Edifecs

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË